MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2007

Numru 35/2007

Il-Pulizija
(Supt. S. Valletta)

Vs

Carmel Joseph Farrugia

Il-Qorti;

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli :

1. fl-Imsida fid-29 ta' Jannar, 2002, wara nofs in-nhar, bil-qerq, ħoloq jew ġiegħel jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanża, sabiex dan il-fatt jew ċirkostanża, ikunu jistgħu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna oħra, bil-ħsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tiġi kontra s-sewwa akkużata jew misjuba ħatja ta' reat;

2. fl-istess data, lok u ċirkostanżi, iddenunzja lill-pulizija esekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq

ħoloq traċċi ta' reat b'mod li jistgħu jinbdew proċeduri kriminali sabiex jiżguraw li dak ir-reat kien sar;
3. f'dawn il-Gżejjer, fl-istess data u ċirkostanżi, bil-ħsieb li jikseb għalih innifsu jew għal ħaddieħor il-ħlas ta' flus ta' sigurta' kontra riskji, jew xi qliegħ ieħor mhux mistħoqq, iddistruġġja, xerred 'l hawn u 'l hemm jew għarraq b'xi mezz li jkun ħwejjeġ tiegħu;
4. f'dawn il-Gżejjer, fl-istess data u ċirkostanżi, ħalef il-falz quddiem Maġistrat jew quddiem uffiċjal ieħor li jkollu s-setgħa b'liġi li jagħti l-ġurament, liema ġurament kien meħtieġ mill-liġi, jew ordnat b'sentenza jew b'digriet ta' waħda mill-qrati ta' Malta;
5. f'dawn il-Gżejjer, fl-istess data u ċirkostanżi, irrenda ruħu reċidiv skond l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali wara li kien instab ħati b'sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-23 ta' Jannar, 2007, li biha, ma sabitx lill-appellat hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu w ghalhekk illiberatu mill-istess akkuzi.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fis-6 ta' Frar, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata, ssib htija w tinfliggi l-piena skond il-Ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravju tal-appellant Avukat Generali jikkonsisti fis-segwenti w cioe' :- li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi , stante li dawn juru bic-car il-ftehim li kien hemm bejn Anthony u Carmel Farrugia. Il-fatt li Carmel Farrugia nnega, fl-isfond tal-provi, mhux kredibbli. B' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tat-30 ta'Gunju, 2003 , Anthony Farrugia kien instab hati dwar dan il-kaz u l-Qorti emmnet il-versjoni tieghu. Issa ma emmnithiex. Dan mhux konsistenti.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tat-8 ta'Marzu, 2007, li bih l-appellant in linea preliminari qajjem l-eccezzjoni tan-nullita' tar-rikors tal-appell, ghaliex a bazi ta' dak li ntqal fit-trattazzjoni orali mill-Prosekutur, l-appell kien limitat ghall-imputazzjonijiet li jidhru fir-rikors u cioe' tnejn mill-hames akkuzi.

Semghet il-kjarifika tal-avukat prosekutur, Dr. Azzopardi, fejn iddikjara li ghalkemm fir-rikors ta' l-appell issemmew biss tnejn mill-erba' akkuzi u l-addebitu tar-recidiva, dawn kienu kollha koperti bin-nota ta' l-Avukat Generali li indikat taht liema artikoli setghet tinstab htija mill-Ewwel Qorti, u li f' dan l-appell kienet qed tigi mitluba ir-revoka tas-sentenza intiera fejn illiberat lill-appellant mil-erba akkuzi w mill-addebitu tar-recidiva. Ghalhekk it-talba saret korrettement ghar-revoka w gie osservat il-vot tal-art. 419 (1)( c ) tal-Kodici Kriminali. Il-fatt li fl-ewwel paragrafi tar-rikors ma ssemmewx l-akkuzi kollha w l-addebitu msemmi, ma jimpurtax in-nullita' tar-rikors ta' l-appell.

Rat il-verbal tad-difiza, fejn minkejja din il-kjarifika tal-prosekuzzjoni, iddikjarat li kienet qed tinsisti fuq din l-eccezzjoni tan-nullita' tar-rikors ta' l-appell minkejja l-kjarifika li ghamel l-Avukat Generali u dan ghaliex l-aggravji ma jwasslux biex jigu revokati id-decizjonijiet ta' liberazzjoni tal-akkuzi kollha. Issottomettiet ukoll li ma kienx hemm in-ness mehtieg bejn l-aggravji u t-talba ghar-revoka tad-dikjarazzjoni ta' liberazzjoni fuq l-akkuzi kollha.

Semghet it-trattazzjoni fuq din il-pregudizzjali;

Rat in-Nota ta' l-Avukat Generali tad-9 ta'Marzu, 2007, li biha ddikjara li wara li ghamel il-verifiki sab li kien l-istess Magistrat Dr. Tonio Mizzi li ddecieda il-kaz kontra l-appellat odjern li ddecieda ukoll il-kaz kontra l-ko-akkuzat Anthony Farrugia .

Rat is-sentenza preliminari taghha tas-26 t' April, 2007 li biha cahdet il-pregudizzjali tal-appellat dwar in-nullita' tar-rikors ta' l-appell u ghalhekk ordnat il-prosegwiment tal-kawza fuq il-mertu.

.

Semghet it-trattazzjoni fuq il-mertu fl-udjenza tal-31 ta' Mejju, 2007;

Ikkonsidrat;

Illi din il-Qorti diga' rrimarkat negattivament fis-sentenza preliminari fuq il-mod skeletriku li bih gew imfissra l-aggravji – jekk tista' tghidilhom hekk – tal-Avukat Generali. Jidher pero' li huma bazati fuq l-apprezzament tal-fatti li ghamlet l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata. Issa huwa risaput li hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor , din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti , izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha . Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti , sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et."** [12.5.94; **"ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi "** [14.2.1989]; **"il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace"** [31.5.1991] ; **"Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**" [31.5.1991] u ohrajn .)

Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza "R. v. Cooper" ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury*

*will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses , whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone*." (Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991) , p. 1392)

Illi din il-Qorti ripetutament irriteniet ukoll li dan il-kriterju ghandu japplika ugwalment ghall-appelli li jkunu ntavolati mill-Avukat Generali, bhal kif inhu f' dan il-kaz.

Ghalhekk il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoini ta' nuqqas ta' htija dwar l-erba imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellat.

Ikkonsidrat;

L-akkuzi kontra l-appellat kif jirrizultaw min-nota tal-Avukat Generali tal-24 ta' Lulju, 2002 (fol. 107 tal-process rikostruwit ) huma erba piu' l-addebitu tar-recidiva. L-ewwel akkuza hija dik li b' qerq holoq jew gieghel jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza sabiex tali fatt jew cirkostanza ikunu jistghu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra, bil-hsieb li din il-persuna tkun tista' tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat, kif jipprovdi l-artikolu 110 (1) tal-Kap.9. It-tieni akkuza hija dik kompriza fis-subartikolu (2) tal-istess artikolu 110 u cioe' li ddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq it-tracci ta' reat b' mod li jistghu jimbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar. It-tielet akkuza tirrigwarda r-reat ta' min, bil-hsieb li jikseb ghalih innifsu jew ghal haddiehor il-hlas ta' flus ta' sigurta' kontra r-riskji, jew xi qliegh iehor mhux misthoqq jiddistruggi, ixerred 'l hawn u 'l hinn jew jgharraq b' xi mezz li jkun hwejjeg tieghu kif provvdut fl-artikolu 295 tal-Kodici Kriminali. Ir-raba akkuza hi dik ta' min f' kull kaz iehor mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel l-art. 108 jahlef il-falz quddiem imhallef, magistrat, jew quddiuem ufficjal iehor li jkollu s-setgha bil-ligi li jaghti l-gurament kemm jekk il-gurament ikun mehtieg bil-ligi, jew ordnat b' sentenza jew b' digriet tal-Qorti kemm jekk le. Umbaghad hemm l-addebitu tar-recidiva.

Jintqal mil-ewwel li fir-rigward tat-tielet u r-raba' akkuza u l-addebitu tar-recidiva ma saret lanqas biss bidu ta' prova.

Di fatti ma ngabet ebda prova li dak li allegatament sar mill-appellat – jekk stess veru sar - sar biex hu jikseb xi flus tas-sigurta' kontra r-rislkji jew xi qliegh iehor mhux misthoqq . Di fatti hu dejjem cahad fil-kors tal-interroagatorji twal li sarulu li l-assikurazzjoni li kellu kienet tkoprieh ghal serq jew telf ta' flus kontanti – li jidher li kienu l-unici effetti li ttiehdulu mill-hallelin jekk veru dan sar. Ma ngabet lanqas l-icken prova li tikkontradici lill-appellat f' din l-asserzjoni bhal ma nghidu ahna xi polza ta' assikurazzjoni jew xi rapprezentant minn xi kumpanija tal-assikurazzjoni biex turi jew juri l-kuntrarju ghal dak li qed jghid. Lanqas ma gie pruvat li b' dak li kien ser jaghmel jew ghamel l-appellat hu kien behsiebu jikseb xi qliegh mhux misthoqq. Il-kongetturi tal-investigaturi li saru waqt l-interrogatorji - legittimi kemm huma legittimi – ma jammontawx ghal prova f' dar-rigward. Ghalhekk dar-reat manifestament ma rrizultax pruvat .

L-istess ma jirrizultax mill-process (kif jinsab illum ghall-inqas) li l-appellat, qabel ma xehed in propria difeza f' din l-kawza, kien xehed bil-gurament quddiem xi Magistrat, Imhallef jew xi ufficjal iehor li kellu s-setgha li jaghti l-gurament. Ma gietx esebita xi kopja ta' depozizzjoni simili. Ghalhekk din l-akkuza manifestament ma gietx pruvata.

Lanqas ma saret il-prova tar-recidiva kif solitament isir bl-esebizzjoni ta' kopja legali w awtentika tas-sentenza jew sentenzi li jkunu nghataw fil-konfront tal-akkuzat u billi jigu prodotti xhieda tal-identita' biex jikkonfermaw li dik is-sentenza jew dawk is-sentenzi kienu nghataw fil-konfront tal-appellat odjern.

Jibqa' ghalhekk biss l-imputazzjonijiet dedotti taht l-artikolu 110 (1) u (2) tal-Kap.9.

Issa, kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali "**Il-Pulizija vs. Valentino Sciberras"** [11.1.2007] fejn iccitat b' approvazzjoni s-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza **"Il-Pulizija vs. Anthony Farrugia"**,

[2.4.2004], meta ghaddiet in rassenja l-gurisprudenza ewlenija in materia, fil-waqt li ghar-reat ta' kalunja kontemplat fl-ewwel subartikolu tal-artikolu 110 wiehed jifhem li jrid ikun hemm l-intenzjoni specifika, tal-agent sabiex jinkolpa persuna partikolari li huwa jkun jaf li hi innocenti, fil-kaz tar-delitt ta' simulazzjoni ta' reat, skond l-artikolu 110(2) dan hu ntiz proprju biex jipprevjeni li l-awtorita' kompetenti toqghod tahli z-zmien tindaga dwar reat li ma jkunx effettivament sehh, apparti l-allarm li l-ahbar jista' jnissel fil-pubbliku w l-fatt li, fil-kors tal-investigazzjonijiet tal-Pulizija, jista' jaqa' suspett – intortament – fuq persuni li jkunu totalment innocenti.

Jintqal mill-ewwel li, ghamel x' ghamel l-appellat, ma jirrizultax li dan ghamlu bil-ghan li johloq xi fatt jew cirkostanza sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra u bil-hsieb li dik il-persuna ohra tkun tista' tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat. Di fatti, kemm kull meta tkellem mal-ufficjali tal-pulizija fuq il-post, kemm meta rrilaxxja l-istqarriji diversi tieghu kif ukoll meta xehed quddiem l-Ewwel Qorti, l-appellat qatt ma indika xi persuna suspettata jew indizjata bil-hold up. Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti ghamel x' ghamel l-appellat, dan qatt ma jista' jinkwadra ruhu taht l-ewwel sub-artikolu tal-artikolu 110 u kwindi l-ewwel imputazzjoni bl-ebda mod ma tirrizulta pruvata mill-atti processwali w ghalhekk gustament ukoll ma nstabx hati taghha.

Mhux l-istess pero' ghat-tieni imputazzjoni, bazata fuq it-tieni sub-artikolu tal-art.110, ghaliex jekk jirrizulta li hu verament gieghel lill-impjegat tieghu Anthony Farrugia jorbtu wara li flimkien kienu holqu tracci ohra ta' *hold up*, dak kollu li hu sussegwentement ghamel meta tkellem mall-pulizija kien jammonta ghal denunzja ta' reat u cioe' li xi haddiehor kien seraqlu ammonti ta' flus kontanti, b' mod li setghu jimbdew proceduri kriminali biex jizguraw li dak ir-reat kien sar. Di fatti hekk gara w addirittura nfethet inkjesta magisterjali biex tizgura jekk kienx gara dak li l-appellat kien iddenuncja.

Ghalhekk, anki jekk jirrizulta li l-appellat, fil-versjoni li ta fl-istqarriji tieghu lill-Pulizija Esekuttiva iddenuncja reat (skondu kommess minn terzi injoti) li kien jaf li ma sarx, kif ukoll/ jew jekk jirrizulta li hu holoq tracci ta' reat ikun jissussisti r-reat in ezami.

Ikkonsidrat;

Ghalhekk din il-Qorti ezaminat f*unditus* il-provi li tressqu biex tara jekk gewx pruvati dawn l-elementi sal-grad tac-certezza morali rikjest fi proceduri kriminali.

Illi l-provi kontra l-appellant huma prova diretta gejja minn **Anthony Farrugia**, li ghall-bidu kien ko-akkuzat mall-appellat, umbaghad, wara li l-Prosekuzzjoni talbet is-separazzjoni tal-gudizzju (fol. 108) gie processat u sentenzjat separatament. Dan ix-xhud xehed f' dan il-process fid-19 ta' Mejju, 2006 (Fols. 193 et seq. tal-process). Hu xehed li kien jahdem ma Hansat Ltd li kien imexxija l-appellat. Hu kien gie akkuzat ukoll. Qal li l-akkuzat kien gieghlu jaghmel affarijiet li ma xtaqx li jaghmel u cioe' li jorbtu mas-siggu. Hu kien beza' ghax-xoghol tieghu w wara li l-appellat kien insista mieghu biex jorbtu anki f' xi okkazzjoni precedenti, rabtu ma siggu tal-hadid li kien gab l-appellat stess. Hu kien qal lill-appellat "*Charles Ara x' ser taghmel.*", darba, tnejn. L-appellat tbissem u daqshekk. Hu hareg f' xis-saghtejn u nofs ghax kellu x-xoghol barra. U x' hin mar lura l-appellat qallu x' kellu jaghmel u lil min icempel u ma jcempilx. L-ewwel l-appellat kien qallu biex icempel fuq l-intercom, umbaghad beda jcempel fuq il-mobile tieghu, umbaghad, tlieta, icempel fuq it-telephone tal-kumpanija w, erba, jcempel lil mara tieghu. Minnflok cempel lill-mara tal-appellat hu kien cempel lit-tifel tal-appellat. It-tifel tieghu gie f' xit-3.30 pm , 3.45 pm biex jghinu jiftah is-shutter. Dan kien tad-dawl u kien iebes biex itellghu. Iben l-appellat ra dik l-istorja. L-appellat taparsi qaghad jibki, li ma kienx veru w minn taht l-ilsien qalilhom "*Cemplu ghall-Pulizija*" . Ix-xhud zied jixhed li hu kien gie arrestat innocentement. Mistoqsi jekk l-appellat kienx qallu ghax riedu jorbtu, x-xhud wiegeb li l-appellat kien ilu jghid li jrid jaghalaqha l-kumpanija w dak in-nhar li rabtu kien qallu : "*Inkella jkolli naghalaq.*"

Hemm umbaghad diversi ufficjali tal-Pulizija, inkluzi s-**Supratendent Pierre Calleja, l-Ispettur Silvio Valletta, l-Ispettur Michael Mallia w PS 90 Jeffrey Gerada,** li xehdu dwar il-parti li kull wiehed minnhom kien ha fl-investigazzjoni, u cioe' fid-diversi interrogatorji li saru lill-appellat, fis-"*searches"* li saru fid-diversi postijiet li jaghmel minnhom l-appellat u fuq dak li nnotaw u osservaw meta kienu marru fuq il-post tal-allegat "*hold up*". Xehed ukoll l-espert tal-Qorti Martin Bajada li esebixxa relazzjoni dwar xi programmi li hu kien hareg mill-computer tal-appellat, li, fil-fehma ta' din il-Qorti, ma tantx jitfghu dawl fuq l-allegat "*hold up"* per se.

Fix-xiehda taghhom l-ufficjali tal-Pulizija ssenjalaw dak li kien gelghhom jissospettaw f' dan il-kaz u geghhom jidderigu l-investigazzjoni taghhom fid-direzzjoni w il-possibilita' li l-incident denuncjat ma kien xejn hlief montatura.

Fl-ewwel stqarrija tieghu (a fols. 39 et. seq. tal-process) **l-appellat** cahad dak li kien qal dwaru l-impjegat tieghu Anthony Farrugia w tenna dak li gralu dak in-nhar. Dan kien lest li jerga' jghidu jekk u meta jersqu l-Qorti. Pero' ma kellu ebda diffikolta' li jerga' jirrakkonta l-affarijiet li ghadda minnhom, u talab li dan isir fuq *tape recording*.

L-interview tal-**appellat** umbaghad kompla fl-*interviewing room* numru 112 fid-Depot fejn l-appellat ta rakkont dettaljat ta' dak li gara w li t-traskrizzjoni tieghu tinsab a fols. 66 sa 102 tal-process. Hawn rega' spjega c-cirkostanzi kollha li akkompanjaw il-*hold up* li hu qed jallega li sar fuqu. Sar konfront mal-impjegat tieghu Anthony Farrugia li stqarr li dak li ghamel, ghamlu ghax kien mitlub u mgieghel jaghmlu mill-appellat u li ghamlu meta hu kien fuq xogholu. Umbaghad saru serje twila ta' domandi mill-ufficjali investigattivi dwar in-negozju tal-appellat, dwar jekk kienx *insured* ghall-serq ta' flus, dwar il-kirjiet li jhallas, kif ukoll dwar kif u fejn instabu certi affarijiet li hu jew qal li nsterqulu bhall-bagalja jew inkella gew mitfugha fl-art.

Fl-istqarrija tieghu sussegwenti (fols. 40 et seq.) umbaghad l-appellat qal li l-video li kien ra mall-ispetturi kien jibda' fid-9 t' Ottubru, 2000 u jispicca fl-24 t' Ottubru, tal-istess sena. Ma setax jikkonferma li dak il-*video recorder* hux l-istess set li kien hemm mas-sistema w it-tieni tape li kien hemm go fih zgur li ma  hux l-istess tape li kien qed jirrekordja dak in-nhar tad-29 ta' Jannar, 2002. Ma kienx jaf bl-amment kemm il-video tal-marka GYYR kellu. Il-godda jkunu fl-istores u gieli jkollhom minnhom ghar-repairs li jkunu fir-*repair room* u anki fil-kamra tal-affarijiet lesti. Hu ma kienx ta indikazzjoni ta' dan kollu l-jum ta' qabel, ghax, sa fejn kien jaf hu, ma kellu ebda video tal-marka GYYR hlief mas-sistemna igifieri minn fejn insteraq. Mistoqsi jekk is-sistema tac-CCTV kienetx qed tahdem, qal li l-ahhar li kellu bzonn jiccekkja xi haga, kien ghal zmien il-Milied li kien ghadu kif ghadda w kienet qed tiffunzjona sew. Ikkonferma li dawn l-affarijiet hu qatt ma kellu hjiel taghhom fejn kienu qeghdin u li jissusspetta li din kienet "*frame up"* kontrieh personalment jew kontra l-kumpaniji tieghu minn xi hadd li kien *"close*" mieghu jew li kien jahdem mieghu qabel jew minn xi kompetitur tieghu li qabbad lil xi hadd li jaf l-affarijiet  tieghu.

**L-appellat** xehed quddiem l-Ewwel Qorti a fols. 214 et seq. tal-process u wara li semma fit-tul hafna xi progetti li kellu lokalment u barra minn Malta w xi diffikoltajiet li kien iltaqa' maghhom, rega' qal li x'kien gralu dak in-nhar fid-dettall. (fols. 214 sa 226). Fil-jum in kwistjoni kien ghandu l-Perit Martin Debono li dam hemm minn xil-12.45 pm sal-1.45 pm jew 1.40 pm. Wara li telaq il-perit, dahlu tnejn fuqu li baqghu liebsin il-crash helmet u talbuh il-flus. Hu qabad il-kartiera w tahielhom fuq il-bank. Huma haduha w fiha kien hemm xi elf u xi haga u haduhom izda qalulu li mhux dawk riedu  w meta staqsiehom allura x' riedu, qalulu  *: "Ghandek aktar flus*." Allura hu tahom bagalja li kellu fl-ufficju b' xi flus fiha. Meta fethuha w raw il-flus qalulu *"is-safe."* U wiehed minnhom ghamillu l-arma ma grizmejh u gabu lanqas jiflah jitkellem bil-qata' li tah. Allura nizlu isfel u induna li wiehed minnhom sahansitra kien jaf minn fejn kellhom jghaddu..Fetah il-gwardarobba fejn kellu s-safe zghir li kien igorru mieghu kwazi kulljum li jizen xi 15 kilograms. Qalulu biex jifthu izda hu ma setax u

wiehed minnhom qabad is-safe u tefghu taht idejh u ordnalu biex jitla’ fuq fejn umbaghad rabtuh wara li qalulu biex ipoggi fuq siggu li gabu. Rabtuh bit-tape b’ mod li ma setax jiccaqalaq u bil-kemm seta’ jiehu nifs. Wiehed minn dawn it-tnejn rega’ nizel isfel u sema hoss kbir. Umbaghad regghu telghu w flimkien ma tnejn ohra, li hu kien sadattant innota isfel, bdew jaghalqu l-purtieri biex minn barra ma jidhirx gewwa w nizzlu s-shutter tal-main entrance. Minn gewwa ra zewg muturi bin-nies ta’ fuqhom bil-*crash helmets* u van abjad kbir. Kienu erba’ b’ kollox lebsin bil-*crash helmets* bajda bil-bicca ta’ quddiem li ma tistax thares jew tara min hemm warajha w liebsin identici, b’ ingwanti hodor u gakketta tal-jeans.

In kontro-ezami, l-appellat xehed li ma ghandux dubju fil-Perit Debono u ma kienx ser jaghmillu hsara. Mistoqsi dwar dak li kien xehed il-lavrant tieghu, wiegeb li kullhadd ghandu dritt ghall-opinjoni. L-impjegat tieghu kien xehed darbtejn izda fil-process kien hemm l-ahhar depozizzjoni tieghu biss

Xhud uniku tad-difiza kien il-**Perit Martin Debono** li kkonferma li dak in-nhar tal-allegat *“hold up”* kien qatta’ certu hin ghand l-appellat fil-istabiliment *de quo* u li hu kien telaq minn hemm kmieni wara nofsinhar ftit tal-hin qabel sar l-allegat *“hold up*”. Xehed ukoll li hu w l-appellat kellhom xi xoghol flimkien in konnessjoni ma xi consortium u li hu kien gie mqabbad biex jaghmel xi disinji ghal xi progett li kien involut fih l-appellat.

Ikkonsdrat;

Illi l-Ewwel Qorti mmotivat il-konkluzzjonjijet taghha billi qalet li wahda mill-akkuzi tirrigwarda l-fatt li dan sehh biex l-imputat jippercepixxi kumpens minnghand l-assikurazzjoni ghaliex kien f’ sitwazzjoni finanzjarja hazina. Izda mill-provi prodotti ma tirrizulta ebda polza ta’ assikurazzjoni dwar telf ta’ flus kontanti w ghalhekk zgur li ma kienx hemm il-motiv li seta’ jispira lill-imputat. Qalet ukoll li f’din il-kawza hemm zewg versjonijiet djametrikament opposti w li fil-fehma taghha kien hemm

dubju ragjonevoli li ghandu jmur favur l-imputat. Ghalhekk ma sabitux hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Illi ibda biex parti mill-aggravju kriptiku tal-Avukat Generali hu fis-sens li b' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tat-30 ta' Gunju, 2003, Anthony Farrugia (l-impjegat) kien instab hati dwar dan il-kaz u l-Qorti emmnet il-versjoni tieghu . Illi issa ma emmnitiex u dan mhux konsistenti.

Illi din il-Qorti m' ghandhiex fl-atti s-sentenza li qed taghmel riferenza ghaliha il-prosekuzzjoni w allura ma tistax tkun taf x' kienet il-motivazzjoni ta' dik il-Qorti meta sabet lill-Anthony Farrugia hati, jekk sabitu hati u ta' xhiex sabitu hati. Lanqas ma tara din il-Qorti li ghandha tissindika l-motivazzjoni ta' dik il-Qorti f' sentenza ohra li mhux qeghda quddiem il-Qorti f' sede tal-appell u differenti minn dik issa appellata quddiem din il-Qorti, anki jekk iz-zewg sentenzi emanaw mill-istess Magistrat. Fit-tieni lok f' ebda parti tas-sentenza appellata ma qalet l-Ewwel Qorti li issa mhux qed temmen lil Anthony Farrugia. Qalet biss li hemm zewg versjonijiet diametrikament opposti w li fil-fehma taghha kien hemm dubju ragonevoli li kellu jmur favur l-appellat odjern. Ghalhekk dan l-aggravju ma jreggx fil-fehma tal-Qorti.

Illi jekk kellha titwemmen it-tieni versjoni ta' Anthony Farrugia, hu jigi *"ex admissis"* komplici fir-reati li gew addebitati lill-appellat odjern, u partikolarment fir-reat kontemplat fit-tieni akkuza ta' holqien b'qerq ta' tracci ta' reat. Illi pero' bit-tibdil li sar fl-artikolu 639 (3) tal-Kodici Kriminali id-depozizzjoni tieghu m'ghandhiex bzonn aktar ta' korroborazzjoni . Dan it-tibdil sat fit-3 t' Ottubru, 2006 , meta l-proceduri quddiem l-Ewwel Qorti kien ghadhom ma thallewx ghas-sentenza (Di fatti t-trattazzjoni finali tal-partijiet saret fis-27 ta' Novembru, 2006, u l-kawza giet differita ghas-sentenza biss fit-8 ta' Jannar, 2007) Kif gie ritenut recentement minn din il-Qorti diversament preseduta mill-Onor. Prim Imhallef Dr. V. De Gaetano fil-kawzi **"Il-Pulizija vs. Christian Schembri"** u **"Il-Pulizija vs. Charles Azzopardi"** [11.6.2007] ligijiet bhal dawn li jnehhu l-htiega ta' korroborazzjoni jkollhom effett retroattiv kif ritenut fis-sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali **"The**

**Republic of Malta vs. Ravi Ramani"** [24.1.1989] u tal-Qorti Kostituzzjonali **"Il-Pulizija vs. Lawrence Cuschieri"** [8.1.1992].

F' kull kaz pero' fil-fehma ta' din il-Qorti tali korroborazzjoni minn cirkostanzi ohra li jiswew kien hemm, bhal, per ezempju, s-sejba ta' diversi oggetti fejn indika x-xhud Anthony Farrugia li kien jew hbiehom l-appellat stess jew fejn l-appellat kien qal lix-xhud biex ipoggihom , jew jaqlibhom mall-art.

Ghalhekk l-Ewwel Qorti ma kienetx prekluza legalment milli tqis il-prova li kienet gejja mix-xiehda ta' Anthony Farrugia bhala wahda ammissibbli u bizzejjed biex twassal ghall-htija tal-appellat.

Illi huwa minnu li kontra din il-prova hemm ic-cahda kategorika w ripetuta tal-appellat , pero' jekk wiehed iqis kif beda jirrispondi b' mod evaziv u titubanti l-appellat fil-kors tal-interrogatorji li sarulu - u dan anki fuq punti li kienu jirrigwardaw in-negozji tieghu, bhal profitability, kirjiet li kien ihallas, jekk is-sena ta' qabel ghamilx qliegh, wiehed jara li l-appellat ftit hu attendibbli .

Hemm ukoll cirkostanzi ohra bhall-fatt li c-CCTV ma kienx irrekordja dak li gara dak in-nhar tal-allegat hold up u certi dettalji ohra li jistunaw u li gustament ghorku ghajnejn l-investigaturi, li meqjusin flimkien itendu biex jaghmlu l-versjoni tal-appellat ftit li xejn plawsibbli u accettabbli , lanqas sal-grad tal-probabbli.

Ghalhekk mill-assjem tal-provi din il-Qorti tara li l-Ewwel Qorti kellha legalment u ragjonevolment issib htija fl-appellat ghar-rigward tat-tieni imputazzjoni taht l-artikolu 110 (2). Konsegwentement din il-Qorti thoss li ghandha tiddisturba l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-Ewwel Qorti fir-rigward ta' din l-imputazzjoni biss u tikkonkludi li l-appellat hu hati ta' din l-imputazzjoni.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' limitatament l-appell tal-Avukat Generali billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn ma sabitx lill-appellat hati

tal-imputazzjonijiet li jaqghu taht l-art. 110 (1), 295, u 108 tal-Kodici Kriminali w tal-addebitu tar-recidiva w lliberatu minnhom u tirrevokaha in kwantu ma sabitx lill-appellat hati tat-tieni imputazzjoni li taqa' taht l-art. 110 (2) u minnflok tiddikjara li qed issib lill-appellat hati tal-imputazzjoni li fid-29 ta' Jannar, 2002, iddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat li kien jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta' reat b' mod li setghu jimbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar, u wara li qieset il-kondotta precedenti tal-appellat , u rat l-artikoli 110 (2) u 28A tal-Kap. 9, tikkundanna lill-appellat ghal sena prigunerija, b' dana pero' li din is-sentenza m' ghandhiex tibda' ssehh hlief jekk, matul il-periodu ta' erba snin mil-lum l-appellat jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

Il-Qorti spjegat bi kliem car ir-responsabbilta' tal-appellat taht l-artikolu 28B jekk huwa jikkommetti ma tul il-periodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------